# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 27 t'Ottubru 2022**

Appell numru 290/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Jason Calleja u**
**Emanuel Calleja**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-21 ta' Ġunju 2021 kontra Jason CALLEJA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0401174M) u Emanuel CALLEJA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 00889045M) li ġew mixlija talli:

    (i) Bħala sidien, detenturi, negozjanti jew importaturi, destinatarji, trasportaturi, bejjiegħa bl-imnut jew kull persuna oħra awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att 437 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiddisponu minn annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti elenkati fl-Ewwel Skeda, għalf tal-annimali jew prodotti mediċinali veterinarji jew rappreżentanti ta' dawk il-persuni jew min kien inkarigat minn xi attivita' veterinarja privata, ma osservawx kull obbligazzjoni imposta fuqhom taħt l-Att 437 li għandha x'taqsam ma' mard li jittieħed, bħala persuni li kellhom jidentifikaw u jirreġistraw annimali u jiddikjaraw ċaqliq tal-annimali li kienu taħt ir-

responsabilita' tagħhom u dan bi ksur tal-Artikolu 35(1)(ċ))iii) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma ħadux il-passi raġonevoli f’kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtiġijiet tal-annimal li kienu responsabbli għalih jew li qablu li jieħdu ħsieb, intlażqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(iii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġiegħlu annimali jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(iv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jżommu record ta’ kull kura medika mogħtija liema records għandhom jinżammu għal perjodu ta’ mill-anqas tlett snin u għandhom ikun disponibbli għas-Servizz Veterinarju meta jwettaq spezzjoni jew meta b’xi mod ikun mitlub u dan bi ksur tal-punt 5, 6 tal-Skeda tal-L.S. 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(v) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprodvu lill-annimali protezzjoni minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, predaturi u riskji għal saħħithom u dan bi ksur tal-punt 12 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(vi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqsu milli jipprodvu dieta sustanzjuża li tkun xierqa għall-eta’ u l-ispeċi tal-annimali u li tingħatalhom fi kwantita’ biżżejjed biex iżżommuhom b’saħħithom u jissodisfaw l-bżonnijiet nutritivi tagħhom u dan bi ksur tal-punt 14 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(vii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma kienx hemm dawk adegwat disponibbli (fiss jew li jinġarr) biex jippermetti li l-annimali jkunu spezzjonati sew u f’kull ħin u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(viii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma kelleomx aċċess għall-ikel f’intervalli xierqa għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom u dan bi ksur tal-punt 15 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ix) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-annimali ma kellhomx aċċess għall-provvista xierqa tal-ilma jew li tkun kapaċi tissodisfa l-bżonnijiet ta’ xorb tagħhom permezz ta’ mezzi oħra u dan bi ksur ta’ punt 16 tal-Iskeda tal-LS 439.09 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(x) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-materjali wżati għal bini ta’ akkomodazzjoni tal-għoġġiela u partikolarment ta’ kaxxi u tgħamir li miegħu l-għoġġiela jista’ jkollhom kuntatt ma ridux ikunu ta’ ħsara għall-għoġġiela u riedu jkunu jistgħu jitnaddfu sew u jkunu diżinfettati u dan bi ksur tal-punt 1 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(xi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-insulazzjoni, is-sħana, u l-ventilazzjoni tal-bini ma kinitx tiżgura li ċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livell tat-trab it-temperatura, l-umdita’ relattiva tal-arja u l-konċentrazzjoni tal-gass jinżammu fil-livelli li ma jagħmlux ħsara lill-għoġġiela u dan bi ksur tal-punt 3 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(xii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx spezzjonati mis-sid ta' lanqas darbtejn kuljum u kull għoġol marid u mweġġa' ma ġiex ikkurat u dan bi ksur ta' punt 6 tal-Iskeda tal-LS. 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xiii) U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi il-fond, il-maqjel u t-tgħamir ma tnaddafx tajjeb u ma ġiex diżinfettat u dan bi ksur tal-punt 9 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xiv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-art ma kinitx lixxa u ma tiżloqx sabiex jevitaw li l-għoġġiela ma jweġġawx u dan bi ksur tal-punt 10 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xv) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma kinux provduti dieta xierqa u addatata għall-eta, toqol, imġieba u bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom u dan bi ksur tal-punt 11 tal-Iskeda LS 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xvi) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-għoġġiela ma ġewx mitmugħa darbtejn kuljum u dan bi ksur tal-punt 12 tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta;

(xvii) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi l-akbar minn ġimagħtejn ma kellomx aċċess għall-kwantita' biżżejjed ta' ilma frisk u dan bi ksur tal-punt 13 tal-Iskeda tal-LS 439.01 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illiberat lill-imputati appellanti mis-seba' imputazzjoni, tmien imputazzjoni, ħdax -il imputazzjoni, erbatax -il imputazzjoni u mis-sittax -il imputazzjoni u sabitu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, ħamsa, sitta, disgħa, għaxra, tnax, tlettax u ħmistax -il imputazzjoni u fuq l-ewwel imputazzjoni mmultathom multa ta' Ewro 500 u l-bqija tal-imputazzjonijiet illi tagħhom sabithom ħatja, il-Qorti lliberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettu ebda reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza. Il-Qorti ordnat ukoll ir-revoka ta' kull permess maħruġ taħt il-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01u 439.09 tal-Liġijiet ta' Malta.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Jason CALLEJA u Emanuel CALLEJA appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza

appellata u tikkonfermaha fejn sabithom mhux ħatja filwaqt li tirrevokaha fejn sabithom ħatja u hekk tilliberahom minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarrew is-segwenti (in suċċint):

(i) L-ewwel akkuża ma tikkostitwix reat għaliex l-Artikolu 35(ċ)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta ma fihx definizzjoni ta' reat iżda huwa l-vires li jingħataw il-Minstri sabiex jagħmlu regolamenti u jiddikjaraw liema huma r-reati taħt dak l-artikolu. Dawn qatt ma saru.

(ii) Fuq il-fatti: ir-responsabilita' ta' uffiċjali tad-dipartiment m'għandha qatt tgħaddi fuq l-appellanti. Jidher li l-appellanti kienu jagħmlu minn kollox sabiex iżommu d-dettalji u jinfurmaw lid-dipartiment u bosta drabi kien hemm nuqqasijiet min-naħa tad-dipartiment pero' l-pieni jeħluhom l-imputati u mhux l-uffiċjali.

(iii) L-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx każ ta' kif inhi s-sitwazzjoni fl-Italja għal dak li għandu x'jaqsam mat-transumanza meta l-bhejjem jiċċaqalqu minn post għall-ieħor. Jekk hija liġi tal-Unjoni Ewropeja għandha tapplika kullimkien bl-istess mod.

(iv) Ir-revoka tal-liċenzja hija gravuża għaliex anke l-artikolu kkwotat l-qorti mhuwhiex ġustifikat fiċ-ċirkostanzi speċjalment illum li s-sitwazzjoni tranġat kompletament. Il-Qorti kkwotat l-Artikolu 439.09. Din hija liġi sussidjarja u għalhekk wieħed irid isib il-vires fl-Att prinċipali. Tfittex kemm tfittex ma ssibx liċenzji tal-farm f'Kapitolu 439. Nulla poena sine lege.

(v) Ukoll, jekk wieħed jara l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 446, is-subinċiż (2) tiegħu jgħid li (test Ingliż ikkwotat mill-appellant). Ir-revoka tal-liċenzja hija kwalifika. Hemm ngħidu fuq il-liċenzji tas-sewqan. Għalhekk, bi kliem ċar tal-liġi ma setgħetx ingħatat ir-revoka tal-liċenzja ma' conditional discharge.

## D. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Għalkemm kemm fir-rikors ta' l-appell tagħhom, kif ukoll matul it-trattazzjoni tal-istess quddiem din il-Qorti, ħadd mill-partijiet ma qajjem il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza appellata, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li f'dan il-każ, l-unika evidenza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tirriżulta mill-atti, hija l-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 a fol 68 tal-atti. Ma hemm ebda dokument ieħor li jikkostitwixxi sentenza oriġinali jew kopja awtentika tagħha jew xi estratt mir-Reġistru imsemmi fl-artikolu 663(5) tal-Kodiċi Kriminali li permezz tiegħu, moqri flimkien mal-imsemmi

verbal a fol 68, jista' jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ hija integra.[1]

5. Għalkemm mhux ideali u prattiku, mill-banda l-oħra l-kwistjoni tan-nullita tas-sentenza appellata ssir doveruża li tiġi mistħarġa meta s-"sentenza" tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun milquta minn difett sostanzjali fil-formalita essenzjali tagħha. Din hija kwistjoni li l-ġurisprudenza ormai paċifika tgħallem li tista' tiġi mistħarġa minn din il-Qorti ex officio.[2]

6. It-test adoperat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 jgħid:

> Inghatat sentenza.
>
> Il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputati mis-seba' (7) akkuża, tmien (8) akkuża, ħdax (11) – il akkuża, erbatax (14) -il akkuża w mis-sittax (16) -il akkuża. Issibhom ħatja tal-akkużi numru wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), disgħa (9), għaxra (10), tnax (12), tlettax (13) u ħmistax (15). Fuq l-ewwel (1) imputazzjoni timmultahom multa ta' €500 u l-bqija tal-imputazzjonijiet illi tagħhom sabithom ħatja il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkomettu l-ebda reat għal tlett (3) snin.
>
> Il-Qorti tordna ir-revoka ta' kull permess maħruġ taħt il-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.01 u 439.09.

7. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid:

> Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u **ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra**[3] li tkun tikkontempla r-reat.

8. Mill-appelli kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Muscat,**[4] **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield,**[5] **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon,**[6] **Il-Pulizija vs. Carmel Attard,**[7] **Il-Pulizija vs. Robert**

---

[1] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Andre Joel Camilleri**, deċiż fil-15 ta' Settembru 2022 fejn din il-Qorti kif presjeduta kienet salvat sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) peress li f'dak il-każ almenu kien hemm estratt meħud mir-Reġistru tal-Qorti kif imsemmi fl-artikolu 663(5) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ dan huwa nieqes.
[2] Ara inter alia l-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiż nhar is-26 ta' Mejju 1994 u **Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi** deċiż nhar is-6 ta' Jannar 2005.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.
[4] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994(
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.2006)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2009)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)

**Farrugia,**[8] **Il-Pulizija vs. Philip Zahra,**[9] **Il-Pulizija vs. Francis Mallia,**[10] **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,**[11] u **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[12] toħroġ interpretazzjoni ċara tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali fis-sens li sentenza kriminali ma tistax tippermetti impreċiżjonijiet magħmula mill-ġudikant fl-għoti tagħha fejn din l-impreċiżjoni tista' toħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija u huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ, taħt il-piena tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li s-sentenza jkunu miktuba fiha:
(i) il-fatti li tagħhom l-akkużat ikun ġie misjub ħati
(ii) il-piena inflitta fuq il-ħati u
(iii) riferenza għall-artikoli tal-Liġi li joħloq ir-reat.

9. Dawn ir-rekwiżiti ma humhiex meqjusa bħala sempliċi formalita' tant li jekk xi wieħed minnhom ma jkunx ġie miktub fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jitqies li jkun difett ta' sustanza tali li jwassal għan-nullita' tas-sentenza. Dan ġie mistqarr fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra,**[13] **Il-Pulizija vs. Amad Aluwyad Nabil Mahmoud,**[14] **Il-Pulizija vs. Chillion James Zammit,**[15] u **Il-Pulizija vs. Charles Micallef.**[16]

10. Kif inhi l-liġi fil-preżent, ma hemmx distinzjoni bejn sentenzi f'kawżi sommarji għal sentenza oħra. Għalkemm il-Leġislatur ried li f'kawżi sommarji tiġi assigurata l-ispeditezza tal-kawżi mill-banda l-oħra, dan ma għandux isir a skapitu ta' dawk ir-rekwiżiti formali l-istess Liġi għadha tesiġi mill-Qorti tal-Maġistrati fl-għoti tas-sentenza tagħha fis-sensi tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

11. Kif intqal, fil-proċess din il-Qorti ma rnexxilhiex issib xi sentenza fl-oriġinali jew kopja awtentika tagħha jew xi forma oħra miktuba anke jekk forsi kompożita li minnha din il-Qorti setgħet tikkonkludi li dak meħtieġ mill-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali kien ġie sodisfatt. L-uniku evidenza tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kien il-verbal imsemmi li fih ma ġewx imsemmija l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom instabu ħatja l-imputati

[8] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[10] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994)
[12] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)
[13] Deċiża 26.5.1994
[14] Deċiża 26.1.2017
[15] Deċiża 1.7.2020
[16] 23.6.1995

appellanti. Dan in-nuqqas għalhekk jammonta għal difett sostanzjali fil-forma tas-sentenza b'mod li dak il-verbal ma jistax jitqies li jissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija mil-Liġi għall-validita tas-sentenza.

# DECIDE

**Għall-dawn ir-raġunijiet il-Qorti tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, tirrinvja l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddeċiedi l-kawża skont il-Liġi.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**